MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2008

Numru 523/2004

Il-Pulizija
(Spettur Anzjan Pierre Micallef Grimaud u
Spettur Josric Mifsud)

vs

Anthony Saliba
Charles Saliba
Richard Saliba
Saviour Saliba

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numru 77432(M), 877854(M), 411961(M) u 510347(M) rispettivi akkuzati talli:

nhar il-25 ta' Gunju, 2004, ghal habta tal-hamsa ta' filghodu gol-Pixkerija, il-Belt Valletta,

(a) ingurjaw jew heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta’ George Cauchi bhala ufficcjali inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien ghamel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu, jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz ai termini tal-Artikolu 95, tal-Kodici Kriminali Kap 9;
(b) fl-istess post, data, hin, u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra George Cauchi, bhala persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li aggixxa ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorità kompetenti, ai termini tal-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ George Cauchi skond ma’ ccertifika t-Tabib Dr. C. Farrugia MD, tad-Dipartiment tal-Kura Primarja;
(d) fl-istess post, data u hin kisru il-bon ordni u paci pubblika, b’ghajjat u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi.

U aktar lil Saviour Saliba talli fl-istess post u data minghajr ma darab jew sawwat, hedded billi qabad arma regolari li taqta’ u bil-ponta (sikkina) kontra George Cauchi u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1(c)) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;
Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputati kollha jinsabu akkuzati taht l-Artikolu 95, 96, 221 u 338(dd) tal-Kap 9 mentri l-imputat Saviour Saliba ghandu apparti wkoll jirrispondi ghall-offiza kontravenzjonali taht l-Artikolu 339(1)(c) tac-citat Kap 9.

Il-fatti li taw lok ghal dawn l-odjerni akkuzi graw gewwa l-pixkerija l-Belt fil-waqt lli l-kwerelant George Cauchi, ufficcjal fid-Dipartiment tas-Sajd, b’xoghol ta’ supervizzjoni

fil-pixkerija, wissa lil bin l-imputat Saviour Saliba biex ma jqattax hut fil-‘cold store’ ghal liema twiddiba l-kwerelant gie rinfaccjat bl-opposizjoni tal-imsemmi Saviour Saliba. Jirrizulta, mhux kontestat, li l-imputati huma kollha pitkala u l-pixkerija hija fonti importanti tax-xoghol taghhom.

Issa fid-dawl tal-akkuzi dedotti kontra taghhom l-kwerelant Cauchi stqarr li l-imputat Saviour Saliba aggredih, gheddu u ghamillu minaccja b’sikkina fil-waqt li dwar l-imputati l-ohra stqarr li aggredewh u l-imputat Charles Saliba anka tah daqqa ta’ ponn u laqtu f’ghajnu l-leminija.

Dwar il-feriti, l-partijiet qablu li huma ta’ natura hafifa u fil-fatt il-kwerelant irrinunzja ghal kull akkuza kriminali fir-rigward.

Fir-rigward r-reità jekk il-kaz ta’ kull wiehed mill-imputati l-Qorti ghandha minn ezami tal-provi dan xi tghid:

- fil-konfront tal-imputat Anthony Saliba: li mill-fatt biss li huwa qal lit-tlett imputati l-ohra “immorru intuh xebgha” b’daqshekk m’hemm ebda reat taht l-Artikolu 95 jew 96 stante li f’kull kaz it-theddida ma kellhiex segwitu u ma saritx “de visu”;
- fil-konfront tal-imputat Charles Saliba: li ghandu jirrizulta li dan l-imputat ghandu jigi misjub hati taht l-Artikolu 95 (l-akkuza l-inqas serja bl-esklussjoni tal-Artikolu 96);
- li l-istess iz-zewg imputati l-ohra Richard Saliba u Saviour Saliba li fil-konfront taghhom tirrizulta wkoll l-akkuza kontravenzjonali kontestata lilhom biss;
- l-imputati kollha ghandhom jirrispondu ghall-offiza kontravenzjonali taht l-Artikolu 338(dd);

Ghaldaqstant taqta’ u tiddeciedi:

- fil-konfront tal-imputat Anthony Saliba wara li rat l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 hati biss tar-raba’ akkuza sakemm tirrigwarda l-ksur tal-bon ordni u paci pubblika u tikkundannah €50 ammenda;

- fil-konfront tal-imputat Charles Saliba wara li rat l-Artikolu 95, 338(dd) u 17(d) tal-Kap 9 hati biss tal-ewwel u r-raba’ akkuza u tikkundannah €100 komplessivament;
- fil-konfront tal-imputat Richard Saliba wara li rat l-Artikolu 95, 338(dd) u 17 (d) tal-Kap 9 hati tal-ewwel u r-raba’ akkuza u tikkundannah €100 komplessivament;
- fil-konfront tal-imputat Saviour Saliba wara li rat l-Artikolu 95, 338(dd), 339(1)(c) u 17 (d) tal-Kap 9 tikkundannah €100 komplessivament wara li issibu hati biss tal-ewwel u r-raba’ akkuza.
- fil-konfront tal-akkuzi l-ohra tilliberahom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------